MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru 786/2014

**SPETTUR KEVIN PULIS**

**VS**

**WAYNE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Wayne Borg ta’ 22 sena, bin William u Rita’ nee’ Scicluna, mwieled Pieta’ fit- 13 ta’ April 1992, residenti fil- 65, Triq il- Folklor, B’Bugia, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 223892M;

Talli;

1) fil- 21 ta’ Awwissu 2014, ghall- habta tad- 21.00 gewwa Triq Mikiel Abela, Birzebbugia jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xort ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 1433 James Saliba u PC 957 Colin Spiteri, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghtija skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;

2) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ PC 957 colin Spiteri u dan skont kif icceritifika Dr A Bugeja MD Reg no 2466 minn Paola Health Centre;

3) Aktar talli fil- 21 ta’ Awwissu 2014 f’ hinijiet differenti tal- gurnata, gewwa B’ Bugia, bi kliem insulenta, hedded jew ingurja lil Roxanne Schiavone u/jew mod iehor;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bil- hsieb li jtellef jew inaqqas il- gieh ta’ Roxanne Schiavone u/jew persuni ohra weggaghhom bi kliem, gesti, kitba, disinji jew mod iehor;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bl- imgieba tieghu ikkaguna lil Roxanne Schiavone u/jew perusni ohra biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontro l- propjeta' taghhom;

6) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Roxanne Schiavone u Jayden Schiavone u dan skont kif icceritifkat minn Dr Mark Aquilina MD Reg 3419 minn Paola Health Centre;

7) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex ordni legittima mghotija lilu mill- pulizija ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku waqt il- qadi ta' dmirijietu;

8) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni ejw il- kwiet tal- pubbliku b' ghajjat u glied;

9) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hasar, ghamel hsara jew gharraw hwejjeg haddiehor, liema ammont tal- hsara ma tiskorrix €1,64.69

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 221, 339(1)(e), 252, 251B, 338(dd) u (ee), 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Art 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Roxanne Schiavone u Francesca Aquilina ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------